**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLFIN**

**S.T.O. NOEL V. ARRIGO, LL.D. – PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI, B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**
**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JURIS (EUR LAW).**

**ATT TA' AKKUZA : 23/1997**

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**

**Vs**

**----OMISSIS----**
**----OMISSIS----**
**ALLISON MICALLEF (illum mizzewga Robinson)**

**Illum, 5 ta' Lulju, 2002.**

Il-Qorti :

Rat is-sentenza moghtija fis-7 ta'Lulju, 2000, mill-Onorabbli Qorti Kriminali, li ghal dak li jirrigwarda lill-Allison Micallef, taqra' hekk:

*" Il-Qorti:*

*Rat l-Att ta' Akkuza nru. 23/97.*

*---------omissis--------*

*Semghet fl-udjenza tal-bierah (6 ta' Lulju, 2000) il-verdett tal-gurati li bih.......................................; bi tmin (8) voti favur u vot (1) kontra sabu lill...........u lill-Allison Micallef mhux hatja skond it-Tieni Kap ta' l-Att ta' Akkuza; bi tmin (8) voti favur u vot (1) kontra sabu lill.............Allison Micallef hatja skond il-Tielet Kap ta' l-Att ta' Akkuza;*

*Tiddikjara lill..........u lil Allison Micallef mhux hatja skond it-Tieni Kap ta' l-Att ta' Akkuza u ghalhekk tilliberaha minn din l-akkuza f'dan il-Kap, cioe' mill-akkuza ta' komplicita' fi traffikar tad-droga kokajina; ........omissis....... tiddikjara lill-Allison Micallef hatja ta' pussess ta' medicina perikoluza (droga) bi ksur tal-ligi, u dan skond it-Tielet Kap ta' l-imsemmi Att ta' Akkuza;*

*Semghet lill-avukati difensuri w lill-avukat prosekutur dwar il-piena; semghet ukoll bil-gurament lit-tlett hatjin, kif ukoll lill-Shaun Arrigo, Mariella Balzan, Desiree Lowell u Emanuel Cassar; hadet in kunsiderazzjoni ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-fedini penali tal-hatjin u z-zmien li ghamlu taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz;*

*---------omissis---------*

*Rat a rigward ta' Allison Micallef l-Artikoli 2, 9, 10, 20 u 22 (1)(a)(2)(a)(ii) tal-Kap.101, ir-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Medicini Perikoluzi (N.G. 292/1939), u l-Artikoli 11, 22 u 533 tal-Kodici kriminali;*

*---------omissis--------*

*Tikkundanna lill-Allison Micallef ghall-piena ta' sentejn prigunerija w multa ta' hames mitt lira Maltin (Lm500), konvertibbli fi tlett xhur prigunerija f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi;*

*Tikkundanna lill-Allison Micallef thallas lir-Registratur is-somma ta' sitta u disghin lira Maltin (Lm96) spejjez peritali nkorsi f'dawn il-proceduri;*

*Il-Qorti tordna ukoll, a tenur ta' l-Artikolu 28 A tal-Kodici Kriminali, li l-piena ta' sentejn prigunerija nflitta fuq Allison Micallef m'ghandhiex tibda ssehh hlief jekk, matul il-perijodu ta' tlett snin mil-lum, hija tikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija; u bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28 G tal-Kodici Kriminali, il-Qorti qedha tqieghed lill-istess Allison Micallef taht is-supervizjoni ta' l-Ufficcjal tal-Probation Michelle Sultana bhala ufficcjal sorveljanti ghaz-zmien kollu tal-perijodu operattiv, u cioe', tlett snin mil-lum. Il-Qorti fissret bi kliem car lill-hatja Micallef kemm ir-responsabbilta' taghha taht l-Artikolu 28 B jekk hija tikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija, kif ukoll l-effetti ta' l-ordni ta' supervizjoni.*

*Fl-ahhar nett il-Qorti :*

1. *---------omissis--------*

2. *Tordna d-distruzzjoni, a kura tar-Registratur, tad-droga kollha ezebita taht l-awtorita' taghha in konnessjoni ma' dan il-kaz fi zmien gimgha mil-lum kemm il-darba l-Avukat Generali ma jindikax permezz ta' nota ppresentata mhux aktar tard minn tlett tijiem mil-lum li tali droga hija mehtiega in konnessjoni ma' xi proceduri ohra. Ir-Registratur ghandu jirredigi proces-verbal bid-dettalji tad-distruzzjoni, liema proces-verbal ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza".*

Illi fi ftit kliem, mela, Allison Micallef kienet giet misjuba hatja ta' pussess semplici tad-droga kokajina w eroina, u kkundannata ghal sentejn prigunerija li, bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28 A tal-Kodici kriminali, dawn gew sospizi ghal tlett snin, kif ukoll ghal multa ta' Lm500, kif ukoll li bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28 G tal-Kodici Kriminali giet mqeghdha taht is-supervizjoni ta' l-Ufficcjal tal-Probation Michelle Sultana ghall-istess perijodu ta' tlett snin, u kkundannata thallas Lm96 spejjez peritali.

L-imsemmija Allison Micallef appellat minn dik is-sentenza permezz ta' rikors t'appell datat 21 ta' Lulju, 2000, li bih talbet li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti liberatorja taghha, u tirrevokaha fil-kumplament, biex b'hekk tigi liberata minn kull htija w piena, u fi kwalunkwe kaz, tibdilha dwar il-piena billi taghti provvediment illi aktar jaghmel ghall-kaz.

L-aggravji ta' l-appellanti Allison Micallef huma essenzjalment is-segwenti:

1. Illi hi kienet giet misjuba hatja hazin fuq il-fatti fit-Tielet Kap ta' l-Att ta' Akkuza;

2. Illi l-ewwel Qorti interpretat u applikat hazin il-ligi;

3. Illi fi kwalunkwe kaz, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, il-piena ta' prigunerija nflitta fuq l-appellanti, anke jekk kienet wahda sospiza, kienet gravuza.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat il-verbal registrat quddiema waqt is-seduta tat-22 ta'Frar, 2002, minn fejn jirrizulta li l-appellanti, tramite id-difensur taghha, talbet li tinghata l-permess biex issa tipproduci bhala xhud taghha lill-Mario Rodenas, li kien ko-akkuzat maghha waqt is-smigh ta' dawn il-proceduri bil-guri, u ghalhekk fl-ebda stadju qabel issa ma setghet tipproducih. Rat li l-Avukat Prosekutur kien oggezzjoni ghal din it-talba.

Rat id-digriet taghha ta' l-1 ta' Marzu, 2002, li bih talbet lill-appellanti tghid b'nota x'ghandu jixhed dan Mario Rodenas.

Rat id-digriet sussegwenti taghha tas-7 ta' Marzu, 2002, li bih din il-Qorti, sabiex tkun f'posizzjoni li tara jekk dak li qed titlob l-appellanti a rigward ta' Mario Rodenas jinkwadrax ruhu tajjeb f'dak li hu dispost fl-Artikoli 506 (c) u 507 tal-Kodici Kriminali, ordnat li qabel ma tigi milqugha jew michuda din it-

talba taghha, l-ewwel jigi trattat l-appell taghha fil-meritu, dan biex tara jekk hiex sodisfatta li din ix-xhieda ta’ Mario Rodenas, jekk ammessa, taghtix lok biex jigi milqugh l-appell jew le.

Rat id-digriet taghha ta’ l-10 ta’ Mejju, 2002, li bih cahdet it-talba ta’ l-appellanti biex tigi awtorizzata li tipproduci lill-Mario Rodenas bhala xhud taghha f’dan l-istadju ta’ l-appell, u dan ghar-ragunijiet hemm imsemmija.

Semghet it-trattazzjoni ta’ dan l-appell miz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi ghal dak li huwa l-meritu ta’ dan l-appell, b’riferenza ghall-aggravji ta’ l-appellanti fuq enumerati 1 u 2, ma tantx hemm x’jinghad. Il-Qorti rat il-provi u dak kollu li hu rilevanti u bla ebda mod ma tista’ ssib xi prova li taghti ragun jew konfort ghall-allegazzjoni ta’ l-appellanti li hi kienet giet misjuba hatja hazin fuq il-fatti emergenti mill-provi. Bizzejjed jinghad illi jekk wiehed ihares lejn l-istqarrija ta’ Allison Micallef, hemm, ghall-aktar minn darba, ammissjoni cara taghha li kienet taf li kellha l-pussess materjali w xjenti tad-droga eroina. Il-Qorti m’ghandhiex ghalfejn tghid aktar dwar il-fatti. Ma hemm ebda dubju li in bazi ta’ dawn il-fatti, il-gurati setghu ragjonevolment isibu htija fl-appellanti skond it-Tielet Kap ta’ l-Att ta’ Akkuza. Dan l-ewwel aggravju taghha, ghalhekk, huwa ghal kollox infondat.

Dwar l-aggravju l-iehor taghha li l-ewwel Qorti kienet interpretat u applikat b’mod erroneu l-ligi, anke hawnhekk dan l-aggravju hu ghall-kollox insostenibbli. Gja’ intqal li jirrizulta car mill-istqarrija ta’ l-istess appellanti li hi kienet pjenament konxja mill-fatt li dak li kellha fil-pussess taghha kienet droga. Il-Qorti rat l-indirizz li sar mill-Imhallef sedenti waqt il-guri w ezaminat sewwa it-tifsira w interpretazzjoni legali li hu ta dwar xi jfisser pussess xjenti ta’ droga, u ma tista’ issib assolutament xejn x’ticcensura f’dak li gie spjegat lill-gurati. Fil-fatt, m’ghandhiex x’ zzid ma’ dak li spjega l-Onorevoli Imhallef. Hu f’dan il-kontest li t-talba ta’ l-appellanti biex tressaq bhala xhud taghha lill-

Mario Rodenas ma gietx milqugha minn din il-Qorti bil-fuq imsemmi digriet taghha ta' l-10 ta' Mejju, 2002. Dan ghaliex anke jekk dan Rodenas jghid li d-droga misjuba fil-pussess ta' l-appellanti kienet propjeta' tieghu, dan il-fatt ma jnaqqas xejn mir-responsabilita' kriminali taghha li hi kienet fil-pussess xjenti ta' droga skond il-ligi. Dan l-aggravju, ghalhekk, ukoll huwa respint.

Jibqa' biss l-aggravju dwar il-piena.

L-appellanti tissottometti li fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, il-piena ta' prigunerija, ghalkemm sospiza, nflitta fuqha mill-ewwel Qorti kienet wahda gravuza. Il-Qorti fehmet sewwa il-preokkupazzjoni ta' l-appellanti f'dan ir-rigward. Ir-reat taht it-Tielet Kap ta' l-Att ta' Akkuza li tieghu l-appellanti nstabet hatja, dak ta' pussess xjenti ta' droga, gie kommess minnha fil-1997, u fi zminijiet meta hi kien ghad ghandha biss xi tnejn u ghoxrin (22) sena, kienet qed tiffrekwenta kumpannija xejn felici bil-boyfriend taghha ta' dak iz-zmien vittma tad-droga, u, sahansitra, kienet anke telqet mid-dar tal-familjari taghha biex tghix mieghu f'residenza ta' haddiehor li ukoll kien midhla sewwa fic-cirku ta' abbuz tad-droga. Is-sehem ta' l-appellanti f'dan ix-xenarju kollu li wassal biex jittiehdu dawn il-proceduri odjerni kontriha kien wiehed minimu, ezattament dak li pprovat tghatti ghall-boyfriend taghha. L-ewwel Qorti fehmet sewwa dan ix-xenarju tant li applikat fil-konfront ta' l-appellanti l-Artikolu 28 G tal-Kap. 9 u poggietha taht is-sorveljanza ta' Ufficcjal tal-Probation.

Issa, pero', irrizulta li minn ftit zmien wara l-akkadut, meritu ta' dawn il-proceduri, l-appellanti fehmet li dik it-triq li kienet fiha kienet wahda ferm perikoluza u li jekk baqghet fiha, certament kienet tispicca hazin. Jirrizulta li l-appellanti rrikonciljat ruha mal-familjari taghha u minn dak iz-zmien 'l hawn izzewget persuna ohra, li ma kellha x'taqsam xejn f'dak li ghaddiet minnu, u illum tinsab tghix hajja matrimonjali normali ma' zewgha. Il-Qorti hi konvinta li l-appellanti illum tinsab fit-triq it-tajba, u ghalhekk, tara li dawn ic-cirkostanzi appena msemmija jiggustifikaw li jkun hemm riforma jew tibdil fil-piena karcerarja, ghalkemm sospiza.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qed tiddisponi mill-appell ta' Allison Micallef bil-mod segwenti:

1. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-parti liberatorja taghha.

2. Tichad it-talba ta' l-appellanti biex tigi revokata dik il-parti tas-sentenza appellata fejn hi giet dikjarata hatja ta' l-akkuza taht it-Tielet Kap, u ghalhekk qed tikkonfermaha f'dik il-parti wkoll.

3. Tilqa' l-appell fil-parti tieghu fejn l-appellanti talbet ir-riforma tal-piena, limitatament, izda, ghal dik il-parti biss tal-piena li hija karcerarja, u, minflok dik il-piena kif mposta mill-ewwel Qorti, din il-Qorti, bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 9 tal-Kap. 152, qed tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tghamilx reat iehor fi zmien sentejn mil-lum, filwaqt li qed tikkonferma l-piena pekunjarja ta' Lm500 w l-kundanna ghall-hlas ta' l-ispejjez peritali fl-ammont ta' Lm96.

4. Tirrevoka wkoll l-ordni ta' l-ewwel Qorti li biha poggiet lill-appellanti taht Ordni ta' Probation, dan peress li illum m'ghadx hemm bzonn ta' tali ordni wara li l-appellanti qatghet kwalunkwe konnessjoni ma' dawk l-ambjenti li kienet thalltet maghhom fiz-zoghzija taghha, apparti l-fatt li hija issa qed tghix hajja matrimonjali normali.

5. Tikkonferma l-bqija tas-sentenza appellata.

Joseph Sammut
Deputat Registratur